MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 472/2014

**Mario Attard u Michael Attard**

**vs**

**Daniel Magrin u l-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-30 ta’ Mejju 2014 li jghid hekk:

1. L-ahwa Attard kienu ilhom jaghmlu uzu mill-markju "OLEANDER" fis-suq lokali fir-rigward ta' servizzi ta' ikel u xorb permezz tal-Fond ghal madwar tletin sena u dan kif jidher ukoll mill-licenzji ghal dan l-operat annessi u mmarkati bhala Dok. "MA1".

2. Bejn l-1986 u l-2000, l-ahwa Attard kienu jiggestixxu personalment in-negozju taghhom ta' bar u restaurant bl-isem "OLEANDER" fil-fond bl-indirizz 10, Victory Square, Xaghra, Ghawdex, (il-"Fond"), u dan kif jidher mill-annessi dokument li juru l-uzu ta' dan il-markju Dok. "MA2".

3. Bil-hila u bl-investiment taghhom, ir-rikorrenti rnexxielhom jiksbu reputazzjoni u fama fis-suq lokali fir-rigward tan-negozju taghom fis-settur tas-servizzi tal-ikel u x-xorb kif irrapprezentat mill-markju "OLEANDER".

4. Bejn id-29 ta' Marzu 2000 u d-9 ta' April 2012, ir-rikorrenti kkoncedew lil intimat Magrin b'kera l-Fond u ghaldaqstant, l-uzu tal-markju "OLEANDER" fuq dan il-Fond tul din il-kirja, u dan kif jidher mill-ftehim bejn il-partijiet in kwistjoni anness u mmarkat Dok. "MA3" (il-"Ftehim").

5. Permezz tal-ittra ufficjali numru 583/2012, ir-rikorrenti wissew lil intimat dwar it-terminu tal-kirja u l-konsegwenzi ta' tali terminu skont il-Ftehim. Konsegwentement, il-partijiet ma geddewx dan il-kuntratt u l-kirja tal-intimat, flimkien mal-kunsens tar-rikorrenti ghall-uzu ta' dan il-marku, itterminaw fid-9 ta' April 2012.

6. Nonstante d-dritt precedenti tar-rikorrenti fuq il-markju "OLEANDER", sabiex jisraq mill-avvjament li kisbu r-rikorrenti fir-rigward tal-markju "OLEANDER", b'mala fede l-intimat Magrin ghadda sabiex irregistra l-istess markju "OLEANDER" mal-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali f'ismu. Din it-trademark iggib in-numru ta' registrazzjoni 51485 "OLEANDER" u giet registrata b'effett mill-24 ta' April 2012, kif jidher mic-certifikat ta' registrazzjoni tat-trademark anness u mmarkat Dok. "MA4".

7. It-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER" gie rregistrat mill-intimat fosthom fir-rigward tal-istess servizzi - cioe 'services for providing food and drink' fil-Klassi 43 tal-Ftehim ta' Nizza - bhal dawk li joperaw ir-rikorrenti, u dan kif jidher ukoll mis-servizzi indikati fid-Dok. "MA4".

8. Dan kollu sar mill-intimat Magrin f'cirkostanza fejn huwa ma ghandu assolutament ebda forma ta' konnessjoni jew ftehim mar-rikorrenti sabiex juza l-markju taghhom "OLEANDER", kemm direttament kif ukoll indirettament, u r-rikorrenti ma taw l-ebda - kunsens sabiex il-markju "OLEANDER" jigi rregistrat mill-intimat Magrin.

9. Konsegwentement, permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu l-invalidita tat-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER" minhabba li:

10. It-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER" irregistrat f'isem l-intimat Magrin ma sservix sabiex tiddistingwi s-servizzi tal-intimat Magrin minn dawk tar-rikorrenti;

11. It-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER" irregistrat f'isem l-intimat Magrin huwa nieqes minn kull karattru distintiv u huwa evidenti li r-registrazzjoni tat-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER", saret mill-intimat Magrin b'mala fede;

12. It-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER" irregistrat f'isem l-intimat Magrin hija ta' tali xorta li tqarraq bil-pubbliku bhal dwar ix-xorta, jew kwalita jew origini geografika tas-servizzi, jew b'kull mod iehor li jkun;

13. Ir-registazzjoni tat-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER" mill-intimat Magrin huwa ta' xkiel ghall-uzu fil-kummerc mir-rikorrenti tal-markju "OLEANDER", kif ukoll tar-registrazzjoni f'isimhom ta' dan il-markju fuq ir-Registru tat-trademarks f'Malta;

14. L-intimat Magrin qed jinqeda bil-markju u sinjal distintiv tar-rikorrenti meta dan l-uzu jista' jgib tahwid mal-markju u sinjal distintiv tar-rikorrenti u dan bi ksur ukoll tal-artikolu 32 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex jaghti lil min jara l-markju tal-intimat x'jahseb li hemm konnessjoni mar-rikorrenti.

15. Nonostante li r-rikorrenti nterpellaw lill-intimat Magrin diversi drabi sabiex jiddezisti milli jaghmel uzu ta' dan il-markju u jirtira r-registrazzjoni tat-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER", inkluz bl-ittra annessa u mmarkata Dok. "MA5", l-intimat Magrin naqas milli jaghmel dan u/jew iwiegeb lir-rikorrenti dwar dan.

16. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(i) Tiddikjara t-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER" invalidu skont l-artikolu 43(1) tal-Kap. 416, minhabba li dan il-markju gie rregistrat bi ksur tal-artikoli 4(1)(a) u (b), 4(3)(b), 4(4), 4(6);

(ii) Tiddikjara t-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER" invalidu skont l-artikolu 43(2) tal-Kap. 416, minhabba li dan il-markju gie rregistrat bi ksur tal-artikolu 6(4)(a).

Ir-rikorrenti qeghdin minn issa jirrizervaw id-dritt li jitolbu ukoll il-ksur tal-artikolu 32 tal-Kap. 13 u l-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-istess Kap.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sa meta jsir il-pagament effettiv kontra l-intimati, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, f'dawn il-generu ta' kawzi, l-esponent ghandu jigi mgharraf u nnotifikat bil-kawza, izda mhux jigi mdahhal fil-kawza bhala parti, u dan in vista tal-artikolu 63 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-fatt, ir-rikors guramentat ma jikkontjeni l-ebda talba ndirizzata lill-Qorti fejn din il-Qorti qed tigi mitluba tordna lill-Kontrollur esponent sabiex ihassar ir-registrazzjoni ta' tali trademark u ghalhekk il-prezenza tal-Kontrollur f'dawn il-proceduri mhix mehtiega;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-esponenti mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ghaqli ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-esponenti jirrileva li l-intimat Daniel Magrin applika ghar-registrazzjoni tal-marka 'Oleander Bar and Restaurant' fl-24 ta' April 2012 liema marka giet registrata fit-23 ta' Novembru 2012 fir-rigward tas-servizzi - "Services for providing food and drink; temporary accommodation";

4. Illi din il-marka giet validament registrata mal-Ufficcju tal-Proprjeta Industrijali b'konformita mal-provvedimenti tal-artikoli 4 u 6 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta wara li saret ricerka fuq id-database kemm lokali kif ukoll tal-Kommunita, liema ricerka tat ezitu negattiv;

5. Illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhux attribwibbli ghal xi nuqqas da parte tal-intimat Kontrollur li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

6. Salv eccezzjonijiet uiterjuri.

Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti f'dan l-istadju ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat in-nota ta' Daniel Magrin fejn iddikjara hekk:

Illi biha jidher l-istess u jammetti t-talbiet attrici fis-sens biss li, in kwantu tirreferi ghal services for providing food and drink, it-trademark "Oleander" irregistrata favur tieghu ghandha tigi ddikjarata invalida, filwaqt li jzomm fermi u mpregudikati d-drittijiet l-ohra tieghu kollha fuq l-istess trademark inkwantu l-istess trademark tirreferi ghal kategoriji ohra.

Din l-ammissjoni qeghda ssir minghajr mal-esponenti qieghed b'xi mod u manjiera jammetti bhala fondati l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti kontra tieghu fis-sens li huwa agixxa in mala fede, jew li dik it-trademark tqarraq bil-pubbliku.

Illi b'rikors datat 30 ta' Gunju 2014 l-intimat irrefera ghan-nota ta' ammissjoni parzjali tieghu u ddikjara li hu m'ghandux oggezzjoni li din l-Qorti tghaddi ghas-sentenza abbazi ta' dik in-nota ta' ammissjoni tieghu, purche l-kwistjoni kollha tieqaf hawn. Illi jekk madankollu, l-atturi jkun ghad fadlilhom xi pretensjonijiet ulterjuri kontra tieghu fil-kwadru tar-rikors guramentatipprezentat minnu kontra tieghu, huwa ser ikollu l-htiega li jirregola ruhu ahjar, inkluz jekk necessarju billi jikkontesta dawk il-pretensjonijiet fit-termini tal-ligi.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Provi**

John Richards, rapprezentant tal-Kontrollur intimat, xehed li qabel irregistraw it-trademark huma ghamlu search fil-local database u fil-Community Trademark Database ghal registered trademarks. Unregistered trademarks ma jidhrux fid-database, pero jista' jkollu unregistered trademarks li jkunu famuzi u b'semplici search fl-intemet jitlawlek.

Mario Attard xehed (ara wkoll xhieda tal-Arcipriet Emeritus Ewcaristico Sultana, Dr. Louis Camilleri Preziosi, Abraham Said, Anthony Guillaumier, Denise Farrugia, Rose Elizabeth Darmanin u James Vella) li ilhom juzaw l-isem 'Oleander Bar & Restaurant' sa mill-1986 u ghamel referenza ghad-dokumenti ezibiti mar-rikors guramentat u mal-affidavit tieghu li jikkonfermaw dana. Huma kisbu popolarita kemm mal-lokal kif ukoll mal-barranin minhabba s-servizz u l-ikel li joffru.

Fil-2000, billi kienu avvanzaw fl-eta, iddecidew li jikru l-post lil intimat u tawh permess li jibqa juza l-isem 'Oleander bar & restuarant' imma ma bieghux jew tawhx id-dritt taghhom fuq l-isem 'Oleander' (ara Dok. 07 para. 5 u MA3 u xhieda ta' Dr. L. Camilleri Preziosi).

Lejn l-ahhar sentejn tal-kirja kienu nqalghu xi problemi mal-intimat billi ma kienux kontenti bil-mod kif l-intimat kien qed ihaddem il-hanut, u meta imbaghad l-intimat fetah restaurant iehor fl-istess pjazza u bdew jonqsu l-kljenti fil-lokal taghhom iddecidew li ma jgeddulux il-kirja. Illum l-hanut hu mikri lil inkwilin iehor flimkien mad-dritt tal-uzu tal-isem 'Oleander bar & restaurant'.

Fil-13 ta' Novembru 2013 irceva ittra minghand l-avukat tal-intimat (Dok. 08) u kien hawn li sar jaf li l-intimat kien irregistra t-trademark ‘Oleander’ ftit jiem wara li skadiet il-kirja fuq ismu. Peress illi l-intimat ma hassarx it-trademark kif talbuh, bdew dawn il-proceduri.

**Fatti**

Illi mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti ilhom jiggestixxu l-fond bil-markju "Oleander" bl-indirizz 10, Victory Square, Xaghra, bhala bar u restaurant, lil fuq minn tletin sena, u dan ghadu l-kaz sal-lum. Fit-2000 bis-sahha tal skritturi privati, ir-rikorrenti ikkoncedew b'kera lil intimat in-negozju ta’ "Oleander" bar u restaurant. Mal-kirja, ir-rikorrenti ikkoncedew biss id-dritt tal-uzu tar-restaurant u bar bit-trade name "Oleander", u l-uzu koncess kien limitat sat-terminu tal-ftehim u huma bl-ebda mod ma assenjaw id-drittijiet taghhom fuq il-markju "Oleander" lil intimat jew ikkoncedewlu uzu ta’ dan il-markju wara t-terminu tal-ftehim.

Fl-24 tal April 2012, minkejja li l-intimat kien jaf li l-ftehim tal kirja kien diga ittermina u li r-rikorrenti huma proprjetarji ta' dritt precedenti fuq il-markju "Oleander", skond ir-rikorrenti, l-intimat b'mala fede, applika ghar-registrazzjoni tal-istess markju mal-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali fir-rigward tal-istess servizzi bhal dawk tar-rikorrenti fi klassi 43 tan-Nice Classification. Dan kien imur kontra l-ligi dwar it-trademarks u billi r-rikorrenti ghandhom dritt precedenti fuq il-markju "Oleander" bhala tali jgawdu mid-dritt li ma jhallux li jsir uzu tal-markju "Oleander" minghajr il-permess taghhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Illi r-rikorrenti talbu fir-rikors guramentat taghhom li dina l-Qorti:

(i) Tiddikjara t-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER" invalidu skont l-artikolu 43(1) tal-Kap. 416, minhabba li dan il-markju gie rregistrat bi ksur tal-artikoli 4(1)(a) u (b), 4(3)(b), 4(4), 4(6);

(ii) Tiddikjara t-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER" invalidu skont l-artikolu 43(2) tal-Kap. 416, minhabba li dan il-markju gie rregistrat bi ksur tal-artikolu 6(4)(a).

Ir-rikorrenti rriservaw id-dritt li jitolbu ukoll il-ksur tal-artikolu 32 tal-Kap. 13 u l-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-istess Kap.

Illi ghalhekk dina l-Qorti qed tigi mitluba limitatament illi tezamina t-talbiet attrici ghal dak illi ghandu x'jaqsam mal-invalidita tar-registrazzjoni tal-markju taht il-Kap. 416.

**Ammissjoni parzjali**

Illi fil-kaz in ezami pero l-intimat ammetta t-talbiet attrici in kwantu jirreferu ghal services for providing food and drink, u ghalhekk jaqbel li t-trademark "Oleander" registrata favur tieghu ghandha tigi ddikjarata invalida f'dan ir-rigward biss.

Izda l-intimat zamm impregudikati d-drittijiet l-ohra tieghu kollha fuq l-istess trademark:

i. Ii t-trademark tqarraq bil-pubbliku;

ii. l-intimat ma ammettiex l-allegazzjoni li huwa agixxa in mala fede u

iii. inkwantu l-istess trademark tirreferi ghal kategoriji ohra fir-rigward tas-servizzi ta' temporary accommodation kif hemm fil-markju bin-numru 51485.

**Konfuzjoni (li t-trademark tqarraq bil-pubbliku)**

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti kellhom dritt jopponu r-registrazzjoni tat-trademark 'Oleander' mill-intimat taht dan is-subartikolu tal-Kap. 416. Dan gie ammess mill-intimat.

Qabel irregistra t-trademarks, l-intimat kien juza l-isem 'Oleander' bil-permess tar-rikorrenti kif jirrizulta mid-dokumenti 07 u MA3 u ghalhekk hu kien konsapevoli Ii dan it-tradename kien tar-rikorrenti u kienu qed juzaw ghal servizz ta' ikel u xorb.

Illi dan hu kaz ta' konkorrenza zleali da parti tal-intimat u Ii l-markju registrat minnu jista' johloq konfuzjoni fir-rigward ta' negozju mmexxi mir-rikorrenti. L-intimat kien inghata permess li juza l-bar u restaurant bl-isem 'Oleander' appartenenti lir-rikorrenti taht titolu ta' lokazzjoni ghal perjodu limitat skond il-ftehim fuq imsemmi. Meta giet terminata l-lokazzjoni l-intimat ma nghatax permess mir-rikorrenti biex ikompli juza dak l-isem. Il-markju li rregistra l-intimat huwa identiku vizwalment u fonetikament ghal dak tar-rikorrenti u ghalhekk hu mistenni li dan johloq konfuzzjoni billi l-konsumatur jahseb li hemm rabta bejn is-servizzi tal-intimat u dawk tar-rikorrenti.

Il-fatt li l-intimat ghamel zmien jopera taht l-isem 'Oleander' bil-permess tar-rikorrenti, ma kien jaghtih ebda dritt li japproprja ruhhu mill-isem u jirregistrah f’ismu.

Illi konsegwentement ir-rikorrenti kellhom dritt li jitolbu li t-trademark registrata mill-intimat tigi dikjarata bhala invalida billi kienet tohloq konfuzjoni.

**Malafidi**

L-intimat mhux qed jammetti li huwa agixxa in mala fede.

L-artikolu 4(6) tal-Kap. 416 jipprovdi li trademark ma ghandhiex tigi registrata jekk, jew daqskemm, l-applikazzjoni ssir b'malafidi.

Fir-rigward ta' dina l-kontestazzjoni tal-intimat li huwa ma agixxiex in malafede l-Qorti issibha difficili biex taccetta li ma kienx hemm malafedi da parti tieghu meta rregistra l-markju. Hu kien jaf li r-rikorrenti kellhom dritt precedenti fuq l-isem 'Oleander' Bar & Restaurant; kien jaf li l-kirja kienet skadietlu u li ma kellu l-ebda dritt li jkompli jaghmel uzu mill-isem 'Oleander' billi ma kellu ebda permess mir-rikorrenti. Inoltre hu rregistra l-markju ftit jiem biss wara li skadiet il-kirja. Kif issemmi l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Dr. M.Tanti Dougall noe vs Master Electric Co.** deciza fl-1 ta' Frar 2008 meta jkun hemm kopjar sfaccat din hi indikazzjoni cara ghall-Qorti ta' intenzjoni malinja.

**Invalidita parzjali**

Kwantu ghas-sottomissjoni tal-intimat, fejn hu zamm fermi u mpregudikati d-drittijiet tieghu fuq l-istess ghal dak li jirrigwarda servizz ta' temporary accomodation, hu qed jibbazza l-kontestazzjoni tieghu fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:

1. Ir-rikorrenti qatt ma pprovdew servizz fil-qasam ta' temporary accommodation;

2. Il-ligi takkorda lil sid ta' markju registrat protezzjoni kwazi assoluta fil-klassi li fiha jgawdi r-registrazzjoni, izda sid ta' markju mhux registrat, bazat biss fuq uzu precedenti, ghandu d-drittijiet tieghu limitati ghal qasam li fih hu juza dak il-markju;

3. Illi l-qasam ta' ikel u xorb hu wiehed distint u separat ghal kollox mill-qasam ta' temporary accommodation u mhux possibili li tinholoq konfuzzjoni ghalkemm qeghdin fl-istess klassi.

4. L-intimat lest li jaccetta il-kancellament tal-kliem 'Bar and Restuarant' mit-trademark tieghu, basta li t-trademark konsistenti fil-kelma 'Oleander' fil-forma, disinn, ukoll kif registrat, tithalla valida ghas-servizz ta' temporary accommodation.

Illi r-rikorrenti oggezzjonaw ghal dina t-talba tal-intimat u jsostnu li dan mhux rimedju accettabbili ghalihom ghax jekk ikun hemm invalidita parzjali fir-rigward ta' food and drink jibqa' l-fatt li t-trademark numru 51485 se tibqa' jsehh fir-rigward ta' servizz ta' temporary accommodation li jibqa' juri l-isem ta' 'Oleander Bar & Restaurant' u ghalhekk jista' jaghti x'jifhem li s-servizzi moghtija mill-intimat huma l-istess bhal dawk moghtija mir-rikorrenti.

Illi fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti ghandhom ragun ighidu li jekk l-intimat jithalla juza t-trademark bil-limitazzjoni li huwa qed jitlob l-konfuzjoni ser tibqa' l-istess billi konsumaturi jistghu jahsbu li s-servizzi moghtija mill-intimat huma l-istess jekk mhux dawk moghtija mir-rikorrenti.

Illi l-intimat huwa l-istess persuna li qabel kien qed jiggestixxi l-bar u restaurant tar-rikorrenti, ghalhekk konsumatur li jara lill-istess intimat juza dika t-trademark bl-istess isem tar-rikorrenti, ikun korrett li jahseb li n-negozju li qed imexxi l-intimat hu dak tar-rikorrenti meta fil-fatt ma jkunx.

Kieku l-attivita tal-intimat forsi kienet f'xi rahal iehor, forsi l-intimat kien jista' ikollu ragun, izda mhux meta hu qed jikkompeti bin-negozju tieghu fl-istess pjazza gewwa x-Xaghra ma' gemb ir-rikorrenti.

Naturalment l-intimat irid izomm l-istess isem, u mhux xi isem iehor, u r-raguni hija ovvja, ghax dak l-isem ghandu avvjament u huwa stabbilit fis-suq, u ghalhekk hu irid jirkeb fuq il-goodwill tieghu.

Illi l-intimat qed joffri li jigu kancellati il-kliem 'bar and restuarant', izda anke jekk jitnehhew dawk il-kliem, huwa effettivament se jkun ghadu qed jopera bhala bar u restaurant u di piu taht l-isem 'Oleander'. Dan ikompli jikkonfuzjona lin-nies. L-intenzjoni tal-intimat ghalhekk tmur oltre mill-uzu ta' servizzi ta' temporary accommodation.

Illi anke jekk ir-rikorrenti ma ghandhomx trademark registrata fil-classification 43, u skond l-intimat, ir-rikorrenti ma jistghux joggezzjona, izda jirrizulta li fil-classifcation kemm il-food and drink kif ukoll t-temporary accommodation huma fl-istess kategorja. Huma fl-istess kategorija mhux ghal xejn imma ghax huma fl-istess generu, fl-istess klassi.

Inoltre skond **Kerly's Law of Trademarks and Tradenames** taht s-subtitolu "Earlier right" Earlier rights are concerned with unregistered trademarks and signs. To qualify for protection the use of the trademark or sign must first have been continuous in relation to the relevant goods or services" (fol 388 13th Edition).

Issa fil-kaz in ezami l-intimat ma kellu ebda continuous use tat-trademark li huwa rregistra la bhala food and drink u lanqas bhala temporary accommodation. Hu rregistra dina t-trademark meta spiccatlu l-lokazzjoni li huwa kellu minghand ir-rikorrent, ghalhekk ma kien ebda continuous use precedenti. Illi r-registrazzjoni ta' trademark ma taghtix xi dritt gdid li ma kellux dritt ghalih imma tirrikonoxxi dritt li wiehed ghandu u li jkun irid jipprotegi, u mhux li jakkwista dritt li ma kellux. Gie stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li "l-fatt ta' registrazzjoni m'huwiex fih innifsu l-kreazzjoni tad-dritt ta' proprjeta, imma konferma ta' dan id-dritt", Ghalhekk it-titolu jidderiva mill-uzu ta' dak it-trademark u mhux mir-registrazzjoni (ara **Dr. I. Mamo vs Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali**, Kum 03/12/1986; Vol LXXX ii p 751; XXXV iii P 820; Vol 33 pl.p200; LXXIX ii p 751; Vol 36 iii p 820; **Sammut vs Salomone** 03/03/1950, Vol 37 P 320; **Mallia vs Valletta**, App 27/03/1996).

**L-eccezzjoni tal-Kontrollur**

Illi l-Kontrollur fl-ewwel eccezzjoni tieghu jghid li f'dawn il-kawzi huwa jigi notifikat biss u mhux imdahhal ukoll fil-kawza bhala parti, u dan in vista ta' dak li jipprovvdi l-artikolu 63 tal-Kap. 416. Fil-fatt fir-rikors guramentat ma hemm l-ebda talba biex din il-Qorti tordna lill-

Kontrollur sabiex ihassar ir-registrazzjoni ta' tali trademark u ghalhekk il-prezenza tal-Kontrollur f'dawn il-proceduri ma kinitx mehtiega. Ghalhekk lanqas ma ghandu jehel l-ispejjez tal-kawza.

Illi skond l-artikolu 63 tal-Kap. 416 fejn issir talba ghal dikjarazzjoni ta’ invalidita ta' trademark il-Kontrollur ghandu jigi notifikat bil-proceduri u li jinstema’ izda mhux li jiddahhal bhala parti f'dawk il-proceduri. Il-fatt li hu gie mdahhal fil-kawza ma jgib ebda nullita izda biss kwistjoni ta' spejjez dwar in-necessita tal-prezenza tieghu fil-proceduri.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara t-trademark bin-numru 51485 "OLEANDER" bhala invalida a tenur tal-artikolu 43 tal-Kap. 416. Spejjez ghall-intimat.

L-ispejjez tal-Kontrollur ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------